MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 215/2005

**George u Joyce Sladden**

**vs**

**Grezzju u Rosario Magro**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 t'April tas-sena 2005, li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jizgombraw, fi zmien qasir u perentorju li jogghobha tiffissa din il-qorti mill-ghalqa maghrufa bhala Taz-Zija Anna, sive Ta' Sandrina, f'San Anard, limiti ta' Haz-Zabbar, tal-kejl superficjali ta' zewgt itmiem, hames

sighan u kejla, proprjeta` tal-atturi, liema ghalqa qed tigi okkupata mill-konvenuti minghajr ebda titolu validu fil-ligi stante li c-cessjoni li saret lilu tal-inkwilinat fl-20 ta' Settembru 1995 ma kinitx wahda valida;

2. Illi ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-ghalqa msemmij ma jeccedix is-somma ta' zewg Liri Maltin (LM2.00,0);

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti u huma wkoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota datata d-9 ta' Mejju, tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenuti ecceppew is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex kuntrarjament ghal dak li jinghad fl-avviz, huma jiddetjenu l-ghalqa de quo b'titolu validu ta' lokazzjoni (qbiela), stante li kienu hekk akkwistawha in forza ta' skrittura ta' cessjoni tal-20 ta' Settembru 1995, (Dok.A), li hija valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u din ic-cessjoni kienet saret sahansitra qabel ma' l-atturi kienu xtraw u akkwistaw l-istess ghalqa fit-22 ta' Marzu 1996;

2. Illi ghal kull buon fini qed jigi senjalat li wara li l-atturi kienu akkwistaw ir-raba de quo, huma abbuzivament kienu ppussessaw ruhhom minnu u kkommettew spoll fil-konfront ta' l-eccipjenti, pero` sussegwentement l-atturi odjerni gew zgumbrati mill-istess raba b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet inversi, liema sentenza giet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju 1998;

3. Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra taghhom;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi kienu xtraw l-art meritu tal-procedura odjerna permezz ta' kuntratt datat it-28 t'Awissu, 1996, in atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler wara li kienu gew assigurati mir-rapprezentant legali taghhom li l-art de quo "kienet minghajr bidwi" (ara fol 13), peress li l-bidwi li kien fiha ma kienx rikonoxxut;

2. Illi ghalhekk intavolaw din il-procedura biex jizgumbraw lil min, kontrarju ghall-assigurazzjoni li kienu nghataw, sabu jokkupa l-istess art;

Ikkunsidrat:

Illi l-versjoni tal-konvenuti tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenuti ilhom jahdmu l-art de quo ghal zmien twil;

2. Illi llum jirrizulta li l-istess konvenuti ghandhom l-imsemmija art imqabbla ghandhom regolarment skond il-ligi, (ara fol 32);

3. Illi dan gie affermat ukoll minn John Fenech, li fid-deposizzjoni tieghu isostni bi kjarezza li kien dawwar il-qbiela fuq il-konvenut Magro, (ara fol 66);

Ikkunsidrat:

Illi hu pacifiku li ghalkemm l-atturi huma l-proprjetarji tal-art in dizamina pero' hu altrettanto assodat li l-konvenuti ghandhom l-qbiela ta' l-stess art u mhux biss jahdmu l-

istess art izda jirrizulta li din ilha tinhadem minnhom is-snin;

Illi ghalhekk jidher li l-atturi setghu gew inavvertitament zgwidati b'affermazzjonijiet superficjali li ma jidhirx li qatt gew debitament verifikati;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti Grezzju u Rosario Magro, tirrespingi t-talbiet ta' l-attur George u Joyce Sladden, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------